biex in-nies tiftaħar
bin-njieb tiegħu
li jċarrtu, jbiċċru
u jeqirdu d-dib tax-xagħri.

Poeta Malti
m'intix int le bħall-iljunfant imkabbar:
lin-naħla għaqlija
jien narak wisq tixbah.

## MISSERIJIETNA

*Ta'* M. Agius

Jekk jien inħares lejn dawk l-oqbra mħaffra,
Ġol-blat, li bihom l-eqdem nies imlietna:
Ikolli naħseb fit-twemmin u l-qedem
Ta' Misserijietna!

Jekk jien inħares lejn ir-raba' tagħna
U l-maqdes mibni f'Ħaġar Qim b'ġeblietna:
Ikolli naħseb fit-tħabrik u s-saħħa
Ta' Misserijietna!

Jekk jien inħares lejn l-imtieħen qodma
Tar-riħ, u l-knejjes, ġo l-irħula u blietna:
Ikolli naħseb f'dik il-ħila u tjieba
Ta' Misserijietna!

Jekk jien inħares lejn is-swar qawwija
U t-torrijiet li nbnew madwar xtajtietna:
Ikolli naħseb fil-qawwiet u l-għaqal
Ta' Misserijietna!

Jekk jien inħares lejn xi ġnien jew misraħ
B'xi mafkar għal xi nies li ħilthom ħjietna:
Ikolli naħseb fl-irġulija u ħniena
Ta' Misserijietna!

Jekk jien inħares lejn l-irħam bil-kitba
Jew f'kotba qodma b'tifkiriet ġrajjietna:
Ikolli naħseb fil-ġieħ kbir u l-kobor
Ta' Misserijietna!



## FIR-RAZZETT TA' KATARIN

*Ta'* A. Buttigieg

Fil-qasrija ġewwa l-bitħa ċentufolju kbir, ħamran;
minn fuq fommu qed jitbissem rajt il-Ġmiel kollu ferħan;

Mill-qasbiet tal-kannizzata, qalb il-weraq ħadranin,
rajt il-Benna qed titbandal mal-egħnieqed ħamranin;

Minn ġol-bejta fir-rewwieħa smajt il-Ferħ qiegħed isaffar,
tit, tit, tit, bal serħ, bla hedu, minn ġo fomm għammiel imsaħħar;

U mit-twieqi kbar u żoroq tal-għajnejn ta' Katarin
rajt is-Sliem qiegħed jittawwal bit-tbissima tas-safjin.

## LIL OMMI

*Ta'* Vincenzo Ungaro

Stenniena ma...
Titlaqx għal issa...
— Lil min għożżejt
B'imħabba kbira
Ta' qalb irsira
Li mlietni b'tamiet sbieħ ma' tul dil-ħajja.

Kont drajt narah lil wiċċek
U nisma' l-leħen tiegħek
X'ħin waħdi miegħek,
Inserraħ din il-qalb għajjiena
Mill-qerq tan-nies ħajjiena
Li drabi qabdu miegħi......

U meta kont infittxek
— Bħaċ-ċerv għatxan għall-ilma —
F'għajnejk kont nilmaħ tilma
Leħħa ta' dawl li jsaħħar......
Li ġegħ'lni nibqa' nbaħħar
Għax inti tibqa' miegħi.

W-int issa tlaqt......
Ħallejtni waħdi
F'hedan il-wied tax-xewk u d-dmugħ
Fejn l-ebda ruħ
Bil-ħila tagħha
Ma twassal magħha
Lill-ġisem fqir għad-dawl sabiħ tal-ħajja!